MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 398/2013

**Ali Ramadam Bodhir**

**vs**

**E&C Developments Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors mahluf ta' Ali Ramadam Bodhir, li permezz tieghu, wara li ppremetta illi:

Is-socjeta' konvenuta qabbdet lill-esponenti jaghmel xoghlijiet ta' tikhil u tibjid u xoghol relatat ma' din is-sengha fuq diversi proprjetajiet tas-socjeta' konvenuta gewwa Hal-Ghaxaq, Hal-Balzan u Marsaxlokk u ta' dan ix-xoghol il-partijiet ftehmu prezz li jammonta ghal wiehed u tmenin elf, hames mija u tmienja u ghoxrin ewro (€81,528) li minnu thallas l-ammont ta' erbat elef ewro (€4,000) biex b'hekk baqa' bilanc dovut ta' sebgha u sebghin elf, hames

mija u tmienja u ghoxrin ewro (€77,528), liema xoghol gie terminat sat-tlieta u ghoxrin ta' Marzu elfejn u ghaxra (23.03.2010);

Irrizulta li s-socjeta' konvenuta ma setghetx thallas lill-esponenti l-ammont dovut u maqbul fi flus kontanti, l-esponenti kellu jaccetta kontra qalbu illi jithallas permezz ta' trasferimenti ta' proprjeta' minn fuq is-socjeta' konvenuta ghal fuq l-esponenti tant li fl-2010 sar konvenju bejn il-partijiet;

Dan il-konvenju iggedded diversi drabi peress li l-proprjeta' li kellha tigi trasferita kienet u ghadha kolpita b'diversi privileggi u ipoteki u l-kuntratt ta' kompravendita ma setax isir;

Dan il-konvenju issa skada u ma jidhirx li hemm possibilita' ohra li l-esponenti jittutela l-interessi tieghu ghal dan il-hlas hlief permezz ta' kawza, specjalment in vista tal-fatt li l-qaghda finanzjarja tas-socjeta' konvenuta qed tmur ghall-aghar;

L-esponenti recentement sejjah diversi drabi lis-socjeta' konvenuta sabiex ihallas l-ammont imsemmi, izda din baqghet inadempjenti u ma hallsitx;

Dawn il-fatti kollha huma kkonfermati fl-annessa dikjarazzjoni guramentata tal-esponenti mmarkata ARB1.

Talbet is-socjeta' konvenuta tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici tal-attur u dan versu s-somma ta' sebgha u sebghin elf, hames mija u tmienja u ghoxrin ewro (€77,528) jew somma ohra verjuri hekk kif likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, u dan in kwantu ghal bilanc parti minn somma akbar, ghal xoghlijiet ta' tikhil u tibjid u xoghol iehor konness ma' din is-sengha, liema xoghlijiet saru mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta;

Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sebgha u sebghin elf, hames mija u tmienja u ghoxrin ewro (€77,528) jew somma ohra verjuri hekk kif likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kollha flimkien mal-imghax skont il-ligi fuq is-sorte kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess rikorrenti.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, is-socjeta' intimata ma ressqet ebda twegiba ghall-kawza.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2013 meta l-partijiet gew koncessi hmistax-il gurnata sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub, pero' minn dan ma sar xejn.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi in linea ta' principju, ghandu jigi enfasizzat illi l-kontumacja ma titqiesx minn dawn il-Qrati bhala ammissjoni tat-talba u jibqa' dejjem jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprova dak li jallega.

Fil-kaz in ezami, ir-rikorrenti kkonferma fl-affidavit tieghu li ghadu kreditur tas-socjeta' intimata fl-ammont ta' €77,528. Huwa mbaghad ikkonferma dan mill-gdid meta xehed viva voce quddiem din il-Qorti. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti ssib li t-talba tieghu jisthoqqilha li tigi milqugha.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, fil-kontumacja tas-socjeta' intimata, tilqa' l-ewwel talba ta' Ali Ramadam Bodhir kif dedotta, tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-socjeta' E&C Developments Limited thallas lil Ali Ramadam Bodhir is-somma ta' sebgha u sebghin elf, hames mija u tmienja u ghoxrin ewro (€77,528) bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn E&C Developments Limited.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------